MALTA

# QORTI CIVILI, PRIM AWLA
# MALTA

## ONOR. IMHALLEF
## PACE RAYMOND C.

Seduta tas-27 ta' Novembru, 2002

Citazzjoni Numru. 123/2000/1

**Annabel Grixti**

**vs**

**Peter Paul Grixti**

**Il-Qorti,**

## <u>I. PRELIMINARI.</u>

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi l-partijiet kienu ppartecipaw f’cerimonja taz-zwieg fit-23 ta’ Awissu 1995, skond kif jirrizulta mill-anness certifikat taz-Zwieg Dok. “A”.

Illi b’din ic-cerimonja effettivament ma nholoqx kuntratt validu ta’ zwieg u dan peress li l-kunsens ta’ wahda u / jew l-iehor mill-partijiet ghall-istess kuntratt kien vizzjat ghal diversi ragunijiet previsti mill-**artikolu 19 (1) tal-Kap**

**255 tal-Ligijiet ta’ Malta**, u precizament ghal dak li hemm previst fis-subincizi **(a), (c), (d) u (f) tal-Artikolu 19 (1).**

Illi l-istess attrici talbet lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tiddikjara z-zwieg celebrat bejn il-kontendenti fit-23 ta’ Awissu 1995, null u bla effett.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li jibqa’ ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista ta’ xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 3 sa 5 tal-process;

Rat il-verbal tat-31 ta’ Ottubru 2000.

Rat ir-rikors tal-attrici Annabel Grixti tal-11 ta’ Dicembru 2000 fejn talbet lill-Qorti tawtorizza n-notifika tal-konvenut permezz tal-procedura tal-affissjoni.

Rat id-digriet sussegwenti tal-Qorti tal-10 ta’ Jannar 2001 fejn laqghat it-talba b’dan li jigi esegwit dak indikat fl-**artikolu 187 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta.**

Rat ir-rikors tal-attrici tat-12 ta’ Frar 2001 li bih esebiet zewg kopji ta’ gazzetti lokali, wahda bil-Malti u l-ohra bl-Ingliz, li fihom tidher in-notifika tal-konvenut Peter Paul Grixti bic-citazzjoni tal-avviz.

Rat il-verbali tal-14 ta’ Frar 2001 fejn il-Qorti nnominat lil Dr. Sandra Sladden bhala Perit Legali biex tigbor il-provi u tirrelata.

Rat ir-rikors tal-konvenut tat-18 ta’ April 2001 fejn in vista li hu qatt ma gie notifikat ghax l-indirizz li msemmi fil-pubblikazzjoni huwa zbaljat u li qatt ma sab avvizi mwahhla mal-bieb tad-dar tieghu, talab li jigi awtorizzat jipprezenta nota tal-eccezzjonijiet skond il-ligi fil-kawza fl-ismijiet premessi.

Rat in-nota ta' l-attrici tal-24 ta' Mejju 2001 li biha esebiet tliet affidavits.

Rat il-verbal tal-15 ta' Gunju 2001 fejn Dr. Veronica Galea Debono ghall-attrici li tat ruhha b'notifikata bir-rikors tal-konvenut tat-18 ta' April 2001 u obbligat ruhha li fi zmien gimgha ghandha tissottometti risposta.

Rat ir-risposta tal-attrici datata 26 ta' Gunju 2001.

Rat il-verbal tat-12 ta' Lulju 2001 fejn in vista li l-konvenut baghat jinforma lill-Qorti li jinsab imsiefer ghal testijiet medici, il-Qorti ordnat lill-istess konvenut li jipproduci certifikat mediku guramentat u ddiferiet ir-rikors in kwistjoni ghall-provvediment.

Rat in-nota tal-konvenut tal-14 ta' Settembru 2001 li permezz taghha esebixxa c-certikati medici rikjesti mill-Qorti.

Rat il-verbali tas-17 ta' Settembru 2001; tat-2 ta' Novembru 2001 fejn peress li l-ebda mic-certifikati medici prodotti mill-konvenut ma kien guramentati kif rikjest, iddikjaratu li fi stat ta' kontumacja u f'dan is-sens cahdet it-talba tal-konvenut fir-rikors tat-18 ta' April 2002; tad-9 ta' Jannar 2002; tas-27 ta' Marzu 2002 fejn il-kawza giet differita biex tkompli tinstema' minn din il-Qorti kif prezentament presjeduta mill-Onor. Imhallef Raymond C. Pace; tat-18 ta' Gunju 2002 fejn dehret il-Perit Legali Dr. Sandra Sladden li kkonfermat ir-rapport taghha bil-gurament. Dr. Doran Magri Demajo ghall-attrici rrimettiet ruhha ghar-rapport. In vista ta' dan il-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-27 ta' Novembru 2002.

Rat is-seduti mizmuma mill-Perit Legali.

Rat ir-rapport tal-istess Perit Legali.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi fl-ewwel lok din il-Qorti tikkonferma b'din is-sentenza l-provvediment ta' din il-Qorti diversament presjeduta datat 2 ta' Novembru 2001 u tikkonferma li l-konvenut huwa fi stat ta' kontumaci *stante* li ma gab ebda prova kwalunkwe sabiex jissostanzja l-allegazzjonijiet tieghu kontenuti fir-rikors tieghu datat 18 ta' April 2001, u dan apparti dak kontenut fl-istess provvediment tal-istess Qorti diversament presjeduta.

### (A). PROVI.

Illi l-**attrici** xehdet permezz tas-segwenti:

(i) tad-dikjarazzjoni taghha fil-kawza odjerna guramentata fl-24 ta' Jannar 2000;

(ii) permezz ta' affidavit taghha stess datata 24 ta' Mejju 2001, affidavit ta' Victor Herbert Sammut datata 24 ta' Mejju 2001, affidavit ta' Dolores *sive* Doreen Sammut datata 24 ta' Mejju 2001;

(iii) fis-seduta tal-24 ta' Mejju 2001 fejn xehdet Marthese Farrugia Turban u regghet xehdet l-attrici.

Illi l-**konvenut** ma xehedx peress illi huwa kontumaci.

### (B). KONSIDERAZZJONIJIET TA' DRITT.

Illi fit-tieni premessa tac-citazzjoni l-attrici ippremettiet illi din ic-cerimonja effettivament ma nholoqx kuntratt validu ta' zwieg u dan peress li l-kunsens ta' wahda u / jew l-iehor mill-partijiet ghall-istess kuntratt kien vizzjat ghal diversi ragunijiet previsti mill-**artikolu 19(1) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta**, u precizament ghal dak li hemm previst **fis-subincizi (a), (c), (d), u (f) tal-Artikolu 19(1).**

Illi **l-artikolu 19 (1)(a) (c) (d) u (f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta** jinqraw hekk kif gej:-

19(1*) "B'zieda mal-kazijiet fejn zwieg ikun null skond xi dispozizzjoni ohra ta' dan l-Att, iz-zwieg ikun null –*

*(a) jekk il-kunsens ta’ xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bi vjolenza, sew fizika sew morali, jew biza';*

*(c) jekk il-kunsens ta’ xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb b’qerq dwar xi kwalita’ tal-parti l-ohra li tista’ mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga;*

*(d) jekk il-kunsens ta’ xi wahda mill-partijiet ikun vizzjat b’diffett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b’anolomija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg.*

*(f) jekk il-kunsens ta’ xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta’ xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg.”*

Illi l-Qorti sejra tghaddi biex tezamina n-nullita’ taz-zwieg *o meno* taht dawn iz-zewg artikoli separatament, u fl-ewwel lok, taht **l-artikolu 19(1a) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta’ Malta** li jghid illi z-zwieg ikun null jekk il-kunsens inkiseb bi vjolenza, sew fizika sew morali, jew biza’.

Illi din il-Qorti fil-kawza fl-ismijiet **“Lorenza *sive* Laura Muscat xebba Borg vs Av Dr. Paul Micallef u P.L. John Privitera noe.”** (Prim’ Awla - 17 ta’ Frar 1988), qalet illi sabiex zwieg ikun invalidat fuq din il-premessa, u cjoe’ **artikolu 19(1)(a)**, il-biza’ jrid jkun ta’ certu gravita’, pero’ jista’ jkun assolut jew relattiv. Il-biza’ ikun assoluta meta tkun tant gravi illi ggieghel bniedem normali jibza’ tant illi jidhol fiz-zwieg kontra l-volonta tieghu. Ezempji ta’ dan hu meta jkun hemm theddid ta’ qtil. Il-biza’ jkun relattiv meta jkun tali li jekk impost fuq persuna timida jirrizulta f’biza’ li huwa relattivament gravi u dan ghaliex kollox jiddependi fuq il-karattru tal-istess persuna.

Illi fil-kaz **“Tanya Curmi vs Charles Curmi**, (Prim’ Awla tal-Qorti Civili deciza fit-18 ta’ Mejju 1988), il-Qorti qalet illi *“in order to be considered as a vice of consent, regard must be had not only to the gravity of such fear, but also*

*to the character and condition of the person subjected to the fear".*

Illi pero', kif isostnu l-awturi ***L. Wrenn***, u **Brown R.** *"there must also be some objective gravity that is at least prudently feared."* Ghalkemm wiehed irid iqis biza' b'mod soggettiv, ma jistax jigi minsi l-aspett oggettiv tal-gravita' tal-biza' li dejjem fl-ahhar mill-ahhar ghandu jittiehed bhala test decisiv.

Illi sabiex wiehed jasal ghal definizzjoni ta' 'biza' xieraq li wiehed jirreferi ghal dak li gie imsemmi fid-decizjoni **"Mary Lourdes Spiteri vs Christian *sive* Cristino Spiteri",** P.A. (F.D.) fis-6 ta' Lulju 1993), fejn il-Qorti qalet hekk:-

*"ghal dak li jirrigward l-biza' din tista' tigi definita fi trepidazzjoni jew ecitament kbir fil-mohh li jigi kawzat minn xi ncident jew haga kemm ta' dak il-hin, kemm minn haga li tista' tigri fil-futur. Dan it-tahwid fil-mohh irid ikun tali li jaffettwa l-mohh ta' min qieghed jaghti l-kunsens u li jaghtih biex jevita dak li qieghed jigrilu jew dak li jista' jigrilu."*

Illi fil-kawza **"Josephine Drew xebba Cutajar vs Dr. Thomas Abela u P.L. Charles Vassallo noe."** (P.A. (F.D.) fit-12 ta' Marzu 1992), il-Qorti iddefiniet biza' bhala *"dik l-offiza li titwettaq kontra l-liberta', hekk li, precizament minhabba din il-biza', 'quis cogatur ad contrahendum matrimonium".*

Illi fis-sentenza **"Mary mart Gaetano Bilocca vs Gaetano Bilocca",** (P.A. (F.D. -16 ta' Mejju 1990) il-Qorti qalet illi biza' hija *"the effect, which force, whether physical or moral, induces in the mind of the future spouse."*

Illi l-istess inghad fil-kawza **"Joseph D'Ugo vs Rita D'Ugo"** (P.A. (F.D. -28 ta' Gunju 1994), fejn il-Qorti qalet hekk:-

*"Il-biza' tirrizulta minn tliet elementi. Fl-ewwel lok, trid tkun gravi; fit-tieni lok, il-persuna li qed jezercitaha jrid ikun kapaci, presumevolment li jesegwixxi dak li qed jhedded li jaghmel; u fit-tielet lok, il-biza' trid tkun il-mottiv principali ghaliex il-persuna tasal li tizzewweg, biex tevita l-konsegwenzi tat-theddid."*

Illi wara li hadet in konsiderazzjoni l-provi kollha prodotti mill-partijiet fir-rigward, l-abbli perit legali Dr. Sandra Sladden ghamlet is-segwenti sottomissjonijiet :-

*"Illi l-ewwelnett, ta' mportanza kbira huwa l-fatt illi l-konvenut huwa tlettax-il sena akbar mill-attrici. Iltaqghu meta l-attrici kellha biss sbatax (17)-il sena u l-konvenut kellu diga' tletin (30) sena. L-attrici xehdet illi hi kienet tfajla ghadha hierga mill-iskola, minghajr esperjenza tal-hajja u bil-mod il-mod il-konvenut kien beda jipperswadiha li l-familja taghha u l-hbieb taghha kollha joboghduha. Fil-fatt, mix-xhieda tohrog car illi ghalkemm l-attrici kellha relazzjoni tajba hafna mal-genituri taghha, fi ftit zmien wara li ltaqghat mall-konvenut, l-attrici spiccat lanqas biss tkellimhom lill-genituri taghha. L-attrici tixhed illi:*

*"….fi zmien ftit xhur hassejt li kien ha pussess ta' mohhi u ta' hsibijieti tant li effettivament izolani minn kulhadd. Kien gabni nahseb u nemmen li l-hbieb li kelli, l-familja tieghi u li specjalment il-genituri tieghi kienu mostri li joboghduni u li hu biss kien il-persuna li verament kien ihobbni. Ghalhekk kont bdejt naqta' l-kuntatt minn ma' kulhadd. Kont sirt ma nafda lil hadd u nahrab minn kulhadd sahansitra minn ommi li sa ftit qabel konna aktar qisna ahwa. Il-konvenut gabni kif ried hu, cjoe' wahdi. Kien fi zmien ftit xhur li l-konvenut kien irnexxielu jiksirli c-cirku li fih kont nghix, u psikologikament u moralment gabni taht idejh." (aff. tal-attrici fol.25 u 26).*

*"Illi wara biss hames (5) xhur, l-attrici harget tqila u l-konvenut ipperswadija sabiex ma tghidx lill-genituri taghha ghax ma kienux ser jaccettawha u sabiex titlaq mid-dar. Fil-fatt hekk ghamlet u telqet mid-dar meta l-genituri taghha kienu imsifrin. Galadarba marret tghix mal-konvenut, dan irnexxielu jikkonvinciha wkoll li*

*m'ghandhiex taghmel kuntatt mal-genituri taghha. Sabiex il-konvenut ikun cert illi l-attrici ma taghmel l-ebda kuntatt ma' hadd ma kienx baqa' jmur ghax-xoghol u kien joqghod ghassa maghha d-dar. Kien jheddidha li jekk tkellem lill-genituri taghha hazin ikun ghaliha. Kien anke geghla tikteb zewg ittri nsolenti lill-genituri taghha biex dawn jaqtghu qalbhom minnha".*

*"Illi l-**attrici** tixhed illi l-konvenut kien mentalment aggressiv lejha f'sens li huwa ried jizra l-mibeghda fija lejn dawk kollha li setghu jiksru l-izolament li gabha fih. Fil-fatt kien dejjem ibezzaghha li hu jaf il-ligi u li l-ligi tipprotegi lilu biss u li jekk u meta jrid bil-ligi kien zgur li jista' johdilha kollox – bit-tarbija b'kollox. Il-konvenut kien gabha mentalment skjava tieghu".*

*"Illi f'Gunju tan-1995 twieldet it-tifla u meta hadha l-isptar kien geghla tiffirma karta sabiex ma thallix lil ommha tara lilha u lanqas lit-tarbija. Hekk kif twieldet it-tifla l-attrici tixhed illi bdiet theddidha gdida u cjoe' li jekk tghamel xi haga li ma toghgbux jew jekk ma taghmilx dak li jrid hu johdilha t-tifla. L-attrici tixhed hekk:-*

*"Jien kont nibza' ghax kont ghadni zghira – ma kontx naf x'jista' jew ma jistax jghamel. Kont wahdi u kkontrollata mill-konvenut u dejjem kont nibza' li jehodli t-tifla u ma nergax narah. Xahar wara t-twelid tat-tifla l-konvenut qalli sabiex nizzewgu u hu zied jghidli li dana sempliciment sabiex ma nhallux lit-tifla llegittima. Ma kelli l-ebda alternattiva. Kont nibza' li kien jehodli t-tifla jekk ma nobdihx. Il-konvenut ghamel l-arrangamenti u xahar wara qalli sabiex imorru r-Registru Pubbliku …. Jien kont konfuza u mbezza' hafna u fic-cirkostanzi jiena komplejt ma' kollox minghajr ma kelli ebda idea ta' x'qieghed isir …… Il-konvenut kien qalli li issa hekk irid isir, kemm minhabba t-tifla u kemm ghax issa l-genituri tieghi zgur li ma jkollhomx aktar jedd fuqi …… Meta semmejt ic-curkett tat-tieg, il-konvenut qalli li ma jridx crieket ghax dawk hela ta' flus u li hu l-ewwel wiehed zgur li ma kienx ser jilbsu. Fil-fatt qatt ma kellna curkett tat-tieg". (fol. 28/29)".*

*"Illi kienu taht dawn ic-cirkostanzi li l-attrici zzewget. Fl-opinjoni tal-esponenti, meta wiehed janalizza c-cirkostanzi tal-kaz odjern fid-dawl ta' dak li sostnew il-Qrati taghna kif fuq deskritt, kien jezisti biza' relattiv fil-mument taz-zwieg, tenut kont ukoll l-eta' zghira tal-attrici, id-differenza fl-eta' bejn il-kontendenti u l-karattru sod u perswasiv tal-konvenut li kien irnexxielu johnoq lill-attrici u jaghmilha mentalment skjava tieghu. Il-konvenut kien irnexxielu jnibbet biza' gravi fl-attrici bit-theddid tieghu li johdilha t-tifla tant illi fil-mument taz-zwieg l-attrici kellha tahwid f'mohhha tali li affettwa l-kunsens taghha fil-mument taz-zwieg. Fl-opinjoni tal-esponenti, fil-mument meta nghata l-kunsens taz-zwieg, il-biza' tal-attrici kien wiehed insuperabbli ghaliha. Il-vjolenza morali u l-biza jridu jkunu ngusti, gravi u determinatni, elementi li kollha rrizultaw f'dan il-kaz".*

Illi l-kaz u t-talbiet attrici ser jigu issa ezaminati fuq il-premessa bbazata fuq id-dispozizzjonijiet tal**-artikolu 19(1)(c) tal-Kap 255** u cjoe' jekk il-kunsens ta' wiehed mill-partijiet ikun inkiseb b'qerq dwar xi kwalita' tal-parti l-ohra li tista' mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga.

Illi l-attrici ressqet prova illi l-konvenut kien diga' mizzewweg u li l-konvenut kien zamm dan l-fatt mistur. Kien biss wara z-zwieg li l-konvenut kien qalilha li kien diga' mizzewweg u li kellu tifel ta' ghaxar snin. L-attrici tixhed illi *"jien ixxukkjajt ruhi bl-ikrah u ghidtlu li huwa kien dahaq bija ghax messu qalli dawn l-affarijiet qabel ma zzewwigna."* (Fol.31). **Missier l-attrici** xehed illi kien qabbad *private investigator* sabiex jigbor informazzjoni fuq il-konvenut u kien irrizulta li fil-21 ta' Mejju 1983 il-konvenut kien izzewweg lil certu Jacqueline Ann Westerman bic-*Church of England* fid-distrett ta' Grimsby, l-Ingilterra (Dok. AG2 u fol. 37). Anke x-xhud **Marthese Farrugia Turban**, rapprezentanta tad-Direttur tar-Registru Pubbliku xehdet illi ghalkemm l-kontendenti jridu jiehdu gurament illi m'hemm l-ebda impediment sabiex jizzewgu, il-konvenut qatt ma semma xejn fuq dan iz-zwieg precedenti, kif jidher ukoll minn Dok.
"M 4".

Illi hawn ukoll din il-Qorti taqbel mal-konkluzjoni tal-istess abbli perit legali u tikkonkludi bhala li *“mill-provi migbura kif deskritti l-esponenti hi tal-fehma illi z-zwieg odjern ghandu jigi dikjarat null ukoll fuq il-bazi li l-kunsens tal-attrici nkiseb b’qerq dwar kwalita’ tal-konvenut li tista’ mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga”.*

Illi dwar **l-artikolu 19(1) (d) tal-Kap 255** li fuqha hija bbazata wkoll l-azzjoni attrici dan jghid illi z-zwieg ikun null jekk il-kunsens ta’ xi wahda mill-partijiet ikun vizzjat b’diffett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b’anolomija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg.

Illi ghar-rigward tal-**artikolu 19 subinciz (1) paragrafu (d)** mill-provi migbura jirrizulta illi l-kontendenti fl-ebda mument ma kkunsidraw bis-serjeta’ l-valuri u l-principji tal-hajja mizzewga. ***Dr. Abigail Attard***, fit-tezi taghha **"Grounds of Annulment of Marriage with special reference to Defects of a psychological nature in the light of the 1981 Amendments to the Marriage Act 1975"** tghid illi d-diskrezzjoni ta' gudizzju *"suppose not only maturity of intellect but also a maturity of the will, that is an ability to take decisions responsibly. A person must possess a critical faculty and internal freedom of choice in order to contract validly"* (pg 42).

Illi mhux bizzejjed li tkun taf x'inhu z-zwieg izda jrid ikun hemm ukoll il-maturita' li tippermetti persuna li tevalwa d-drittijiet u obbligi li ggib maghha hajja mizzewga. Fil-kaz in dezamina, il-kontendenti kienu ilhom biss jafu lil xulxin hames xhur qabel ma harget tqila l-attrici li kellha biss sbatax (17)-il sena. Hekk kif twieldet it-tifla l-konvenut iddecieda li ried jizzewweg u l-attrici tixhed illi ma kellha l-ebda xelta hlief li tobdih.

Illi abbazi tal-provi prodotti l-istess perit legali kkonkludiet li *“mix-xhieda mressqa jidher car li qatt ma kien hemm gherusija jew preparament ghaz-zwieg. Hekk kif il-*

*konvenut sar jaf lill-attrici, hakimha taht idejh u fi zmien ftit xhur kien qataghha mill-familja taghha u mill-hbieb taghha, harigha tqila, gieghlha titlaq mid-dar t'ommha u gieghlha tizzewweg taht hafna pressjoni u theddid. Kien zwieg civili u rranga kollox il-konvenut li lanqas biss ried ic-crieket ghax dawk hela ta' flus. Jidher illi l-ghan principali l-ghaliex ried jizzewweg il-konvenut kien biex jghamel cert illi l-gendituri tal-attrici ma jkollhom l-ebda jedd fuq l-attrici jew it-tarbija. L-attrici tixhed illi fl-istat li kienet tinsab fih lanqas kellha cans tahsiba u hassitha qisa sejra tixtri u mhux tizzewweg. L-attrici tixhed illi wara li zzewgu l-konvenut qatt ma kellu x'jaqsam maghha sesswalment ghalkemm kien iqatta' l-granet jara l-films pornografici".*

*"Illi ma kien hemm l-ebda preparazzjoni ghaz-zwieg. Qabel ma zzewgu, l-konvenut hada tghix go kantina li ma kien fija l-ebda ventilazzjoni, kienet infestata bil-grieden u bl-insetti u l-hajt kien miksi bil-posters pornografici. Lill-attrici u lit-tarbija kien isakkarhom gewwa din il-kantina biex zgur ma taghmel l-ebda kuntatt ma' hadd. Kien ihalliha nieqsa mill-flus tant illi ma kellhomx x'jieklu u t-tarbija beda jaqaghlha xahra minhabba nuqqas ta' vitamini. Il-konvenut kien jheddidha kontinwament li ser johdilha t-tifla u kien ser joqtolha. Ma kien hemm l-ebda hjiel ta' hajja familjari fiz-zwieg tal-kontendenti u r-relazzjoni kienet aktar wahda ta' sid u skjav".*

*Illi jidher car illi l-attrici, fl-eta' zghira li kienet, fl-immaturita' taghha u fic-cirkostanzi li sabet ruhha fihom, zgur li ma kellhiex il-fakulta kritika u l-liberta' nterna necessarja sabiex tati kunsens validu. Minn naha tieghu l-imgieba tal-konvenut turi car illi l-kunsens tieghu kien ivvizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga u fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha.*

Illi ***G. Veness, as quoted by N. Picard in 'l'immaturite' et le consentement matrimonial (pg. 54-55****)* is-segwenti:

*"The judge must consider the overall behaviour of the spouse, taking into account the gravity of the conduct, its continuity throughout the conjugal life, its influence on the*

*couple's equilibrium, the relation of behavioural disorders to the 'ius in corpus' and also to the right to the community of life and to consider also all the other factors which are relevant to the determination of the gravity of this immaturity with reference to married life."*

Illi ghalhekk, din il-Qorti taqbel pjenament ma dak relatat mill-abbli perit legali u tikkondividi l-konkluzjoni taghha li *"mill-provi migbura u ghar-ragunijiet fuq imsemmija l-esponenti hi tal-fehma illi jezisti verament in-nullita' taz-zwieg in ezami skond* ***l-artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255".***

Illi dwar **l-artikolu 19(1) (f) tal-Kap 255** dan l-artikolu jikkonsidra kemm is-simulazzjoni totali (*colorem habens, substantiam vero nullam*) kif ukoll dak parzjali (*colorem habens, substantiam vero alteram*) tal-kunsens.

Illi rigward it-tifsira ta' eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew kif maghruf ukoll bhala simulazzjoni totali, l-Qorti f' **"Bonnici vs Bonnici"** (Prim' Awla 30 ta' Lulju 1982) qalet illi biex ikun hemm simulazzjoni totali jrid jigi ppruvat li l-*finis operis* taz-zwieg gie effettivament eskluz mill-vera rieda ta' parti jew ohra, ghalkemm formalment tkun sehhet ic-celebrazzjoni taz-zwieg.

Illi fil-kawza **"Cali vs Dr. Albert S. Grech"** (Prim' Awla 22 ta' Gunju 1988) il-Qorti qalet illi jekk tmur ghac-cerimonja tat-tieg u nternament tissostitwixxi l-ideat tieghek fuq x'inhu zwieg jew inkella xort' ohra teskludi l-veru kuncett taz-zwieg, hi forma ta' simulazzjoni totali.

Illi fil-kawza **"Galea vs Walshi"** (Prim'Awla 30 ta' Marzu 1995) il-Qorti spjegat simulazzjoni bhala *"meta l-atti, gesti jew kliem esterni ma jikkorrispondux ghall-kunsens intern li jkun inghata"***.**

Illi fid-decizjoni **"Muscat vs Borg Grech"** (Prim' Awla 14 ta' Awissu 1995) il-Qorti spjegat simulazzjoni hekk:

*"Ghalhekk min <u>esternament</u> ikun wera li qed jaghti l-kunsens matrimonjali izda jkun <u>internament</u> u <u>b'att</u>*

*<u>pozittiv tal-volonta' tieghu</u> qed jichad il-kunsens ghal dak iz-zwieg ikun qed jissimula l-kunsens tieghu".*

Illi kif gie nsenjat fid-decizjoni fl-ismijiet **"Francesco Teuma vs Liugi Camilleri et",** (Qorti tal-Kummerc, 1 ta' Ottubru 1884 -Vol.X p.912:-

*"a poter dedursi la invalidita dell'atto e' necessario che risulti chiaro, che cio' che si contrattava non era la verita', ma una simulazione, cjoe'' 'fictio seu ostensio falsi pro vero".*

Illi meta wiehed jitkellem dwar l-eskluzjoni taz-zwieg jew wiehed mill-elementi essenzjali tieghu, wiehed irid jifli jekk il-kontendenti jew wiehed minnhom, allavolja hu kapaci jaghti l-kunsens validu taz-zwieg, pero' bl-att tieghu qabel u fil-hajja mizzewga, jew bl-ommissjoni tieghu, eskluda *a priori* certu obbligi essenzjali tal-hajja mizzewga, cjoe', issimula l-kunsens tieghu totalment fejn eskluda *a priori* z-zwieg, jew inkella fejn waqt il-kunsens hu jew hi eskludew xi wahda jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, u cjoe' saret simulazzjoni parzjali.

Illi taht l-**artikolu 19(1)(f)** trid issir distinzjoni cara bejn zwieg li jfalli minhabba cirkostanzi li jirrizultaw waqt iz-zwieg, u zwieg li jfalli ghax wiehed mill-partijiet minn qabel ma ta' l-kunsens tieghu kien gja' mentalment dispost li ma jottemprax ruhu ma' xi wahda jew aktar mill-obbligi matrimonjali. Fl-ewwel ipotesi hemm ir-ragunijiet li jaghtu lok ghal separazzjoni u fit-tieni ipotesi hemm l-istremi tal-annullament.

Illi rigward l-eskluzjoni pozittiva ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, u cjoe' simulazzjoni parzjali, il-Prim' Awla tal-Qorti Civili f' **"Abdel Wahed vs Dr. Yana Micallef Stafrace et noe"** (P.A. (N.A.) 14 ta' Lulju 1994) elenkat l-element essenzjali taz-zwieg bhala l-kommunjoni tal-hajja konjugali, l-indissolubilita' tar-rabta taz-zwieg, id-dritt ghall-fedelta' u d-dritt ghall-prokreazzjoni ta' l-ulied. L-istess elementi gew ikkonfermati wkoll f' **"Aquilina vs Aquilina"** (Prim' Awla 30 ta' Jannar 1991) u f' **"Grech vs Grech"** (Prim'

Awla 9 ta’ Ottubru 1990). Dawn huma wkoll l-elementi fil-ligi kanonika.

Illi l-kommunjoni tal-hajja konjugali u cjoe' il-*“Consortium Vitae”* tikkomprendi zewg elementi u cjoe’ l-imhabba konjugali u r-responsabbilta’ tal-familja. Kif qalet din il-Qorti fil-kawza **“Magri vs Magri”** (P.A. (N.A.) 14 ta’ Lulju 1994): *"Jekk din il-"Consortium Vitae" hija nieqsa, l-oggett innifsu tal-kunsens taz-zwieg huwa wkoll nieqes. Din il-Consortium Vitae tikkomprendi zewg elementi li huma l-imhabba konjugali u r-responsabbilta' tal-familja”.*

Illi l-kuncett ta’ l-indossubilita’ taz-zwieg jikkomprendi u jimplika li l-kunsens irid ikun ibbazat fuq rabta dejjiema bejn ragel u mara wahda, mibnija fuq il-fedelta’ u formazzjoni tal-familja. Il-ligi Maltija tippresupponi *iuris tantum* dan l-element ta’ indossolubilita’ fiz-zwieg.

Illi fil-fatt, **J. Edwards Hudson** (op.cit p164-165), jispjega carament li *“indissolubility can be excluded from consent in two different ways: either because the spouse, knowing the true nature of marriage, nevertheless contract with the understanding that he will have the option of dissolving the bond and recovering his former free status, or because the spouse formulates his own doctrine on marriage, from which the idea of indissolubility is absent and to which he adheres totally with both intelligence and will power.”*

Illi aktar minn hekk, **D.J. Burns,** fil-kummentarju tieghu (**D.J. Burns, Matrimonial Indissolubility: Contrary Conditions. A Historical Synopsis and Commentary**. pg. 151) **j**ghid li *“it is not necessary that this intention* (i.e. li teskludi l-indossolubilita’) *was formulated as an express agreement, it can be inferred either from an explicit declaration of one or both parties, or consequent on certain words or actions implying that effect, or as a result of the narration of the circumstances of the contract.”*

Illi l-Qorti wara li hadhet in konsiderazzjoni l-provi kollha prodotti mill-partijiet fir-rigward, l-esponenti hi tal-fehma illi din l-bazi u cjoe’ l-**artikolu 19(1)(f)** ma tirrizultax.

Illi ghalhekk l-abbli perit legali kkonkludiet hekk ir-relazzjoni peritali taghha:-

*"Illi skond il-provi migbura a bazi tal-konsiderazzjonijiet premessi jirrizulta illi:*

*1) l-ewwel talba tal-attrici u cjoe' li l-kunsens taghha inkiseb bi vjolenza, sew fizika sew morali jew biza' ai termini tal-**artikolu 19(1)(a)** tirrizulta u ghandha tigi milqugha bi htija tal-konvenut.*

*2) It-tieni talba tal-attrici u cjoe' li l-kunsens taghha inkiseb b'qerq dwar xi kwalita' tal-parti l-ohra li tista' mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga ai termini tal-**artikolu 19(1)(c)** ghandha tigi milqugha bi htija tal-konvenut.*

*3) It-tielet talba tal-attrici, u cjoe' illi l-kunsens tal-konvenut kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet jew dmirijiet essenzjali taghha ai termini tal-**artikolu 19(1)(d)** ghandha tigi milqugha bi htija taz-zewg kontendenti.*

*4) Ir-raba talba tal-attrici, u cjoe' li iz-zwieg huwa null stante illi l-kunsens tal-konvenut inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta' xi wiehed mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga u dan ai termini tal-**artikolu 19 (1) (f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta**, m'ghandiex tigi milqugha u ghalhekk ghandha tigi michuda".*

Illi din il-Qorti wara li hadhet in konsiderazzjoni l-provi kollha prodotti u l-argumentazzjoni tal-abbli perit legali, tikkondividi l-istess konkluzjonijiet u tadotta u taghmel taghha l-istess relazzjoni peritali u l-konkluzjonijiet hemm raggunti, kif dettaljatament hawn fuq esposti, u ghalhekk it-talba attrici ghandha tigi milqugha abbazi tal-**artikolu 19 (1) (a) (c) u (d) tal-Kap 255.**

## <u>III. KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi fil-kontumacja tal-konvenut, **tilqa' t-talba attrici** b'dan illi:-

1. Tiddikjara z-zwieg celebrat bejn il-kontendenti fit-23 ta' Awissu 1995, null u bla effett u dan abbazi tal-**artikolu 19 (1) (a) (c) u (d) tal-Kap 255.**

Bl-ispejjez jinqasmu bin-nofs bejn il-partijiet.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.**
**27 ta' Novembru 2002**

**Mario Debono**
**Deputat Registratur**
**27 ta' Novembru 2002**